MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru 856/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech)**

**Vs.**

**SPIRIDIONE TANTI COSTA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Spiridione Tanti Costa ta’ 43 sena, bin il-mejjet Paul u l-mejta Carmela nee’ Costa, imwieled Valletta fit-2 ta’ Frar 1965 residenti Flt. No. 16, Blk. 2, Skema 2, Paola Hill, Paola u detentur tal-karta ta’ l-identita’ b’numru 102365M.

Billi huwa akkuzat talli fl-10 ta’ Settembru 2008 ghal habta ta’ bejn is-2.30 u 3.30 pm minn gol-fond, ‘Sacret Heart’, Triq Mater boni Consilii, Fgura, ikkommetta serq ta’ flus

kontanti li jammontaw ghal madwar €1,100 u diversi oggetti tad-deheb valur ta' madwar €3,500 minn go l-istess fond ghad-dannu ta' Christopher Attard u Roberta Micallef miz-Zejtun u l-Fgura rispettivament, liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna u dan bi ksur ta' artikoli 261(b)(c)(d), 263, 267 u 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli, b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti u dan ai termini ta' artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 23 ta' Marzu, 2009 u nnutat li l-imputat Spiridione Tanti Costa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tas-27 ta' April, 2010 l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta' April, 2010 l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 23 ta' Marzu, 2009, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 261(c), (d) u (e), 267, 268(a) u (d), 269(g), 279(b), 280(1) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Spiridione Tanti Costa, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-istess imputat Spridione Tanti Costa ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.

Inkwantu ghat-talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema artikolu gie moghti mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju datata 23 ta’ Marzu, 2009, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tas-27 ta’ April, 2010 kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok. GAP3 f’din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------